A.L. 46 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ordinamenti ta' l-1998 għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fil-Fakulta' tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti ta' l-1998 għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fil-Fakulta' tat-Teoloġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' tat-Teoloġija; u

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil.

Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Frar 1993 'l quddiem.

Ir-Reġistrazzjoni

3. Jistgħu japplikaw kandidati li ggradwaw, normalment fil-livell ta' Honours (bl-Unuri), fit-Teoloġija jew fl-Istudji Reliġjużi u ġew imqiegħda fil-parti ta' fuq tal-klassifika ta' l-eżamijiet finali, ta' din l-Universita' jew ta' universita' oħra magħrufa għal dan il-għan mis-Senat.

4. Il-Bord jista', f'każijiet speċjali, jħalli kandidati li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti mitluba f'Ordinament 3, jirreġistraw. Applikazzjonijiet bħal dawn

għandhom jinkludu evidenza ta' profiċjenza u rakkomandazzjoni minn membru ta' l-istaff akkademiku li jaċċettta li jagħmilha ta' superviżur. Il-Bord jista', f'każijiet bħal dawn, jitlob rekwiżiti addizzjonali li jinkludu l-ħtieġa li l-kandidati joqogħdu għal xi eżami jew aktar ta' kwalifikazzjoni.

5. L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni għandha tinkludi t-titlu propost tad-dissertazzjoni u sunt tagħha.

Id-Dissertazzjoni

6. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mid-Dipartiment konċernat, id-dissertazzjoni ma għandhiex tkun itwal minn 50,000 kelma.

7. Student għandu jissottometti tliet kopji tad-dissertazzjoni għall-eżami li jridu jkunu llegati b'mod adekwat. Fi żmien xahar wara li jkun għadda mill-eżami tad-dissertazzjoni, l-istudent għandu jissottometti żewg kopji tad-dissertazzjoni, li waħda minnhom għandha titqiegħed fil-Biblijoteka ta' l-Universita' illegata kif ġej:

bid-drapp (jekk jista' jkun iswed) b'qxur iebsa u b'karti ta' kwalita' tajba; bl-ittri (jekk jista' jkun bid-deheb) fuq il-qoxra u d-dahar li juru:

(i) l-isem ta' l-istudent;
(ii) l-isem jew l-isem fil-qosor tad-dissertazzjoni;
(iii) il-grad li għalih id-dissertazzjoni qed tkun sottomessa; u
(iv) is-sena meta tiġi sottomessa.

Mapep, disinji, *graphs,* materjal stampat, eċċ. għandhom ikunu llegati mad-dissertazzjoni, iżda jekk dan ma jkunx possibbli, għandhom ikunu ppreżentati għalihom f'*folders* jew f'volumi speċjali u nnumerati.

8. It-test għandu jkun ittajpjat fuq karti A4, fuq naħa waħda biss, b'spazju doppju u b'marġni ta' 40 mm fuq ix-xellug u mill-inqas b'marġni ta' 20 mm fuq in-naħa ta' fuq, t'isfel u tal-lemin.